MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 266/2007

**A B C, f' isimha proprju**
**u f' isem iz-zewg ulied minuri D**
**u E G, ahwa, B C**
**vs**
**F B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u tBbet hekk:

1. Illi hija u F ilhom mizzewgin hmistax-il sena u ghandhom zewgt itfB, D – ta' hmistax-il sena u E G ta' tlettax-il sena;

2. Illi l-hajja taz-zwieg bejn il-konjugi B C ma tistax tibqa' ssehh minhabba ragunijiet gravi imputabbli lil zewgha F, cittadin Sirjan, u senjatament minhabba

sevizzi, theddid u ingurji gravi kontra l-esponenti u wliedha.

GhBdaqshekk l-esponenti titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara l-firda personBi bejn il-konjugi B C u dan minhabba ragunijiet imputabbli lir-ragel F B C;

2. Tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri D u E G ahwa B C f' idejn l-esponenti;

3. Tiffissa retta Bimentari xierqa ghBiha u ghaz-zewg ulied minuri msemmija;

4. Tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B C, tillikwidaha u taqsamha wara li jkunu komminati kontra F B C l-Art. 51 tB-Kap. 16.

Bl-ispejjez kontra F B C mharrek minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tB-konvenut F El C li biha rrisponda hekk:

1. Illi preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni stante illi l-eccipjenti kien gewwa MBta fil-jum li fih giet intavolata l-kawza odjerna.

2. Illi huwa jaqbel ma' l-ewwel tBba attrici madankollu mhux minhabba ragunijiet imputabbli lill-eccipjenti.

3. Illi a rigward il-kura u l-kustodja taz-zewg minuri ikun aktar opportun illi din tigi affidata lill-partijiet konguntivament.

4. Illi huwa jopponi ghat-tielet tBba in kwantu jkun obbligat illi jmantni lil martu peress illi tista' u kapaci tahdem. A rigward il-minuri huwa gia' jipprovdi ghBl-bzonnijiet kollha taghhom.

5. Illi huwa jaqbel mar-raba’ tBba attrici madankollu minghajr ma jkunu komminati kontra l-eccipjenti l-effetti ta’ l-artikolu 51 et seq tB-Kap 16 tB-Ligijiet ta’ MBta.

Rat l-atti kollha tB-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-qorti s-separazzjoni personBi minn ma’ zewgha l-konvenut, ghar-ragunijiet imputabbli unikament lilu skond l-artikolu 40 tB-Kap.16; kif ukoll sabiex din il-qorti tirregola l-effetti konsegwenzjBi ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni PersonBi**
Illi mill-provi jirrizulta li, l-attrici, cittadina mBtija, izzewget lill-konvenut, cittadin sirjan, fis-sena 1991, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfB, D u E G, li llum it-tifla biss ghadha minorenni.

Jirrizulta mill-provi li matul il-konvivenza matrimonjBi, l-attrici, kienet soggetta, fuq bazi abitwBi u ripetut, ghB komportament abuziv da parti ta’ zewgha. Dan il-komportament kien jikkonsisti f’ theddid, swat u tghajjir bi kliem oxxen. Jidher li l-inkwiet principBi kien dovut ghBl-fatt li l-konvenut kien jipprojibixxi kull manifestazzjoni tar-religjoni kattolika da parti ta’ l-attrici. In fatti huwa kien jipprojibixxi, bit-theddid u aggressjoni, li din tipprattika r-religjon nisranija u ried li uliedhom bil-fors jitrabbew fir-religjoni musulmana. EventwBment, wara xi zmien tB-konvivenza matrimonjBi, il-konvenut kien beda jinsisti ma’ l-attrici li din tiffirmBu dikjarazzjoni fis-sens li hija kienet qed taccetta li dan jizzewweg mara ohra. Inoltre, l-attrici tghid li zewgha kien ihBliha nieqsa mill-flus, sakemm fl-ahhar abbandunahom.

Il-Qorti tirravviza f’ dan il-kaz ‘sevizzi’ u ‘inguriji gravi’, fit-termini ta’ l-artikolu 40, kommessi mill-konvenut fil-

konfront ta’ martu u uliedu, tant li f’ xi perijodi dawn kienu kostretti li jghixu f’ shelter provdut mill-Agenzija Appogg.

Dan  premess u kkunsidrat, il-qorti hija tB-fehema li t-tBba attrici ghas-separazzjoni personBi, bi htija unika tB-konvenut, hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Kura u Kustodja**
Illi dan il-kap illum ghandu rilevanza biss fir-rigward tat-tifla E G li ghadha minorenni. Il-Qorti hi tB-fehema li din it-tifla ghandha tibqa’ fil-kura u kustodja esklussiva ta’ l-attrici li ilha tiehu hsiebha minn mindu twieldet, u dan nonostante l-konvivenza matrimonjBi turbolenti tort tB-konvenut.

Id-dritt ta’ access favur il-konvenut qed jigi affermat, izda l-modBita’ tieghu u l-kundizzjonijiet relattivi qed jigu rizervati biex jigu decizi fuq rikors ad hoc ta’ l-istess konvenut.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi, wara li nbieghet id-dar matrimonjBi fil-mori tB-kawza, nqata’ d-dejn li kien hemm f’ dan ir-rigward, u llum ma hemmx assi tB-komunjoni, ghajr polza ta’ assikurazzjoni mB-Middlesea VBletta, li hi life-policy numru 35761.

Illi, stante li jidher li fic-cirkostanzi l-konvenut mhux ser jhBlas manteniment ghB uliedu minuri, il-qorti tordna li din l-assikurazzjoni tigi likwidata u s-somma kollha tinghata lill-attrici, inkluz Blura sehem il-konvenut, u dan akkont tB-manteniment dovut minnu.

Il-qorti tordna wkoll li d-djun li tBvolta ghadhom jezistu u li gew maghmula mill-konvenut ad insaputa ta’ l-attrici, dawn ikunu kollha a kariku tB-konvenut.

**Manteniment**
Illi rigward it-tBba attrici ghBl-hlas ta’ manteniment ghBiha u ghaz-zewg uliedha, il-qorti tosserva li ma ngabux provi sufficjenti sabiex jigi kwantifikat dan il-manteniment; u ghBdaqstant, filwaqt li qed tafferma d-dritt ta’ l-attrici li titlob minghand il-konvenut manteniment ghBiha, stante l-

htija tieghu ghas-separazzjoni, u titlob ukoll manteniment arretrat ghat-tifel D, u manteniment arretrat u futur ghat-tifla E G sakemm din issir maggjonrenni; tirrizerva l-fissazzjoni tB-quantum ghB gudizzju iehor.

**Decide**

GhB dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel tBba, u tiddikjara s-separazzjoni personBi bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni tBba, u tafda l-kura u kustodja tat-tifla E G lill-attrici esklussivament; bid-dritt ta' access favur il-konvenut, kif fuq indikat;

[3] tilqa' it-tielet tBba limitatament billi tafferma d-dritt ta' l-attrici li titlob minghand il-konvenut il-manteniment ghBiha u ghB uliedha; izda tirriserva l-fissazzjoni tB-quantum ghB gudizzju iehor;

[4] tilqa' ir-raba' tBba fit-termini taghha, u tordna l-likwidazzjoni ta' l-assi tB-komunjoni skond kif fuq stabbilit u ndikat that is-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti.'

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------